Ħaż-Żabbar
Città Hompesch

**Minuti tat-391 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar il-Erbgħa, 9 ta' Novembru, 2011**

Il-laqgħa bdiet fis-6.15 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Domenic Agius, ippresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Domenic Agius u l-Kunsillieri s-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur Mark Grech, is-Sur Joseph Bonnici, is-Sur Robert Buhagiar, u s-Sinjura Anna Calleja.

Il-Viċi-Sindku s-Sur John J Pace daħal għal laqgħa fis-6.25 ta' filgħaxija.

Is-Sur Kevin Plumpton daħal għal laqgħa fis-6.35 ta' filgħaxija.

Is-Sur Keith Pisani kien skużat.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Fuq proposta tas-Sur Buhagiar li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill approva unanimament il-minuti tat-390 laqgħa.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Is-Sur Bonnici staqsa jekk il-Kunsill kienx irċieva risposta mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar jekk il-Kunsill setgħax jaċċetta l-offerta ta' xogħol ta' tindif ta' toroq mhux urbani (ZLC 6/2011) tas-Sur Owen Borg li kien l-orħos offerent izda li dan naqas milli jiffirma il-*Non Collusive Certificate*. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien rċieva kopja ta' korrispondenza nterna mid-Direttur għall-Gvern Lokali fejn il-Kunsill ġie nfurmat li din il-materja kienet ser tiġi diskussa fl-laqgħa bejn uffiċjali mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

Is-Sur Bonnici staqsa jekk il-Kunsill kienx applika sabiex titħaddem is-sistema tal-*cameras* fil-*playing field* tal-Qasam tad-Djar. Is-Sindku qal li l-kuntrattur kien ntalab japplika għal *meter* tad-dawl.

Fis-6.25 ta’ filgħaxija l-Viċi Sindku s-Sur Pace daħal għal laqgħa.

Is-Sur Bonnici staqsa minn liema fondi ser jitħallas is-sahra tal-ħaddiema taħt l-iskema tal-IPSL. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-ħlas ta’ sahra ta’ dawn il-ħaddiema kien ser jitnaqqas mill-fondi allokati għat-tip ta’ xogħol li jkunu ser jagħmlu. Eżempju jekk il-ħaddiema jidħlu biex jagħmlu xogħol ta’ manutenzjoni ta’ bankina, il-ħlas ta’ sahra jitħallas minn dan il-vot.

Fis-6.35 ta’ filgħaxija s-Sur Plumpton daħal għal laqgħa.

Is-Sur Bonnici staqsa jekk hux il-Kunsill jew il-Grupp Armar Paroċċa Madonna tal-Grazzja Żabbar responsabbli li jagħti b’għatu tal-ħadid it-toqob tal-arbli tal-festa. Is-Sindku qal li t-toqob kienu ser jingħalqu u li kien tkellem mal-Grupp Armar Paroċċa Madonna tal-Grazzja Żabbar biex jieħdu ħsieb li jagħtu dawn it-toqob b’għatu tal-ħadid. Dan peress li l-Kunsill fil-passat kien għalaqom b’għatu tal-ħadid izda ħafna minnhom ma kienux reġgħu twaħħlu lura.

Fis-6.45 ta’ filgħaxija s-Sur Grech talab li jkun skużat.

Is-Sur Bonnici talab li l-arblu ornamentali tad-dawl li tneħħa minn Misraħ is-Sliem qabel il-festa jerġa jitpoġġa f’postu.

<u>Item 4 – Minuti tas-Sotto-Kumitati</u>

Ma kienx hemm minuti tas-Sotto Kumitati.

<u>Item 5 – Korrispondenza</u>

Inqrat korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar ir-Riorganizzazzjoni tas-Swieq fil-Beraħ fejn il-Kunsill ġie mitlub jimxi skond *Memo* 73/2011 li kien ħareġ id-Dipartiment.

Is-Sur Plumpton staqsa x’kienu raġuni li l-Kunsill kien qed isib diffikulta’ biex jimxi mal-*memo* imsemmija. Is-Sindku qal li kien hemm ħafna aktar bejjiegħa milli suppost u l-Kunsill ma kienx ser jidħol biex jorganizza dan is-suq peress li fil-passat kienet saret laqgħa mas-Segretarju Parlamentari Edwin Vassallo fejn kien ġie miftiehem li dan is-suq kien ser jiġi organizzat mill-Gvern.

Is-Sur Plumpton talab lill-Kunsill sabiex jingħata lista tal-bejjiegħa u tal-*Legal Notice* 119/2002.

Is-Sur Plumpton offra li flimkien mas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv issir evalwazjoni tas-sitwazzjoni preżenti tas-suq.

Inqara invit mibgħut mill-Fondazzjoni *Oasi* fejn il-Kunsill ġie mistieden għaċ-ċerimonja tal-Għoti tar-Rikonoxximent iż-Żagħzugħ/a tas-Sena 2011 taħt il-Patroċinju tal-E.T. Dott. George Abela, President ta' Malta nhar is-Sibt, 26 ta' Novembru, 2011 fis-6.00 ta' filgħaxija fil-Lukanda Ta' Ċenċ, Ta' Sannat, Għawdex.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mid-Direttur Ġenerali tal-Moviment Kerygma dwar in-nominazzjoni għall-premju iż-Żagħżugħ/a tas-Sena 2011. Il-Kunsill ġie mitlub jinnomina żagħżugħ/a li b'xi mod urew sens kbir ta' impenn fil-ħajja nisranija tagħhom ta' kuljum. L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi sa mhux aktar tard mit-30 ta' Novembru, 2011.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-*Malta-EU steering & Action Committee* fejn il-Kunsill ġie mitlub jagħti nformazzjoni dwar l-organizazzjoni tal-Kunsill. Din l-informazzjoni qed tiġi mitluba sabiex il-Kunsill jiġi nfurmat bil-programmi ta' fondi mill-Unjoni Ewropeja. Fuq proposta tas-Sur Plumpton li ġiet issekondata mis-Sindku, l-Kunsill qabel unanimament li din il-korrispondenza tintbgħat lill-Kunsillier is-Sur Pisani.

Is-Sur Plumpton staqsa jekk il-Kunsill kienx ibbenifika mill-proġetti GAL. Is-Sur Plumpton talab li l-Kunsill jaħtar Kunsillier li jaħdem direttament biex b'hekk tikber il-possibilita' li l-Kunsill jibbenefika minn fondi u għajnuniet li l-Grupp Azzjoni Lokali jkun eliġibli għalih.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Aġenzija Żgħażagħ dwar it-tielet edizzjoni tal-proġett Kunsill Lokali Żgħażagħ fejn il-Kunsill ġie nfurmat li għal-lokalita' ta' Ħaż-Żabbar nstabu bizzejjed żgħażagħ parteċipanti. Il-Kunsill ġie nfurmat li ser isir l-ewwel seminar ta' taħriġ għaż-żgħażagħ nhar is-Sibt, 12 ta' Novembru, 2011 f'Dar il-Meditteran għall-Konferenzi.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn il-Kunsill ġie mistieden jattendi Forum Nazzjonali dwar il-Wirt Kulturali li ser issir nhar il-Ħamis, 17 ta' Novembru, 2011 f'Dar il-Mediterran, il-Belt Valletta. Il-Viċi Sindku s-Sur Pace qal li kien ser jattendi għal dan il-Forum Nazzjonali.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Awtorita' tal-Ippjanar dwar il-permess li ġie mġedded lill-Funderija *Hompesch Steel*. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-permess li ngħata jinkludi wkoll kundizzjonijiet wara li dwarhom kien ressaq l-oġġezzjonijiet tiegħu.

Fis-7.30 ta' filgħaxija s-Sur Buhagiar talab li jkun skużat.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Mercieca li talab biex Triq Patri Taddew Schembri issir *one-way* u jsiru sinjali tat-traffiku. Is-Sindku ppropona li tintbgħat ittra lir-residenti sabiex il-Kunsill jieħu l-opinjoni tagħhom. Il-Viċi Sindku ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li tintbgħat din l-ittra.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-uffiċju tal-Kummissarju għat-Tfal dwar iċ-ċelebrazzjonijiet fl-okkazzjoni tal-Jum Dinji għat-Tfal fejn nhar il-Ħadd, 13 ta' Novembru, 2011 f'Villa Francia ser issir attivita' *Festa Tfal*.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Godfrey Duca fejn talab il-kunsens tal-Kunsill sabiex juza l-istemma tal-Kunsill fuq *lapel badge* li għamel fl-għeluq il-mitt sena mit-twaqqif tal-klabb tal-futball ta' St Patrick. Billi l-istemma tal-lokalita' ma tistgħax tintuza bi skop kummerċjali, l-Kunsill, fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, qabel unanimament li jagħti l-permess li tintuza l-istemma bil-kundizzjoni li l-*lapel badges* ma jinbiegħux.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-MEPA fejn il-Kunsill ġie nfurmat li l-bilanċ fil-fondi *Urban Improvement Fund* (UIF) sa tmiem Ottubru 2011 kien ta' €39,335.42.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-President tal-Klabb tal-Futball St Patrick fejn il-Kunsill ġie nfurmat li fl-għeluq il-mitt sena mit-twaqqif tal-klabb ser jiġu organizzati numru ta' inizzjattivi li jinkludu l-istampar ta' kalendarju kommemorattiv. Il-Kunsill ġie mistieden jippublika messaġġ edukattiv jew avviz fuq dan il-kalendarju. Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jagħmel messaġġ f'dan il-kalendarju għal ħlas ta' €500.

Fit-8.10 ta' filgħaxija il-Viċi Sindku talab li jkun skużat.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Awtorita' tal-Ippjanar bħala risposta għall-ittra li l-Kunsill bgħat dwar Misraħ San Nikola sabiex din l'art tiġi zvillupata f'post ta' rekreazjoni għall-pubbliku. Il-Kunsill ġie nfurmat li t-Taqsima tal-Infurzar tal-MEPA kienet ħadet azzjoni diretta biex din il-medda ta' art tiġi mnaddfa. Il-Kunsill kien issottometta applikazzjoni biex dan is-sit jiġi zvillupat izda wara riċerka li saret irrizulta li din l-art ma ġietx trasferita lill-Gvern, izda għadha proprjeta tal-Arċidjoċesi ta' Malta.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien irċieva rapport dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq Ġanni Bonavia, fejn is-sewwieq talab kumpens mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li ġarrab fil-vettura tiegħu. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabilità għal dan l-inċident.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Kapillan tal-Paroċċa dwar nuqqas ta' dawl quddiem iċ-Ċentru Nażaret. Dan qed iwassal biex isiru atti vandali fuq dan iċ-Ċentru. Il-Kapillan talab li jiltaqgħa ma' rapprezentanti tal-Kunsill biex flimkiem tinstab soluzzjoni biex din iz-zona tiġi mdawwla.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-kordinattriċi il-Maġġur M Mallia dwar *The President's Charity Fun Run* li ser issir nhar il-Ħadd, 4 ta' Diċembru, 2011.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Perit Bianco dwar l-applikazzjoni tal-Kunsill għal rijabbilazzjoni tax-Xelter f'Misraħ is-Sliem. Fl-ittra tiegħu l-Perit Bianco talab sabiex l-Awtorita tal-Ambjent u l-Ippjanar tinvestiga id-deċizjoni li ħadet il-Kummissjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill ta' Eschborn dwar *tournament* tal-futbal li ser jiġi organizzat fis-26 u 27 ta' Mejju 2012 f'Eschborn flimkien mal-bliet ġemellati magħhom. Il-Kunsill ġie mistieden jipparteċipa f'dan it-*tournament* billi jibgħat tlett parteċipanti ta' bejn il-ħdax u tnax-il sena u *carer.* Il-Kunsill ta' Eschborn offra li jħallas l-akkomodazzjoni. Fuq proposta tas-Sur Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsill ikellem rappreżentanti tal-klabb tal-futbal St Patrick biex jara jekk humiex lesti jipparteċipaw f'dan it-*tournament.*

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Barun residenta fi Triq ix-Xgħajra sabiex tiġi mtejjba s-sistema tat-traffiku billi ssir *road hump* biex jiġi evitat l-periklu għas-sewwieqa u għall-pubbliku. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jekk din ir-resident taċċetta r-*road hump* ssir quddiem id-dar tagħha.

<u>Item 6 – Xogħol tal-Kunsill</u>

- <u>Approvazzjoni ta' Finanzi</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Ottubru 2011 li kien jammonta għal €119.10. Dan ġie approvat unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ukoll għall-approvazzjoni tal-Kunsill is-*schedule of payments* għall-perjodu ta' bejn l-20 ta' Ottubru, 2011 u d-9 ta' Novembru, 2011 li kien jammonta għal €39,305.79. Dan ġie approvat unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici.

Is-Sindku ppropona lill-Kunsill li tinkiteb ittra lill-*Transport Malta* biex parti minn Triq il-Kapuccini terġa ssir *two way* billi jitneħħew żewġ tabelli ta' *No Entry* peress li wara li ġiet introdotta s-sistema ġdida tat-traffiku fi Triq il-Kappucini nqalgħu ħafna problemi u kien rċieva petizzjoni mir-residenti tat-triq li qed jitolbu li jsir tibdil.

Is-Sinjura Calleja qalet li kient ġiet avviċinata mir-residenti ta' Triq in-Nevew li kienu qed jitolbu biex Triq il-Kapuccini sa' Triq ix-Xgħajra ssir *two way.*

Is-Sinjura Calleja ssekondat l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel b'erbgħa voti favur u estensjoni li tintbgħat l-ittra għall-approvazzjoni ta' *Transport Malta* biex jitneħħew żewġ tabelli ta' No Entry minn Triq il-Kapuċċini.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill approva unanimament il-minuti tat-tmintax-il laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's.

Is-Sindku ressaq korrispondenza li rċieva minn resident fi Triq Leli Tabone dwar il-livelli tat-triq u dwar l-ilma tax-xita li jżomm fit-triq.

Is-Sindku qal li kien beda x-xogħol ta' *resurfacing* fi Triq Leli Tabone li qed issir taħt l-iskema ta' *Public Private Partnership.* Is-Sindku qal li l-Perit tal-Kunsill kien talab lill-MEPA sabiex tagħti l-livelli uffiċjali minħabba dislivelli fit-triq.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien irċieva korrispondenza mill-kumpanija IPSL b'informazzjoni dwar ir-rati tal-*overtime* tal-ħaddiema li jaħdmu mal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kuntratt li l-Kunsill għandu għas-servizz ta' ġbir ta' skart goff (ZLC 10/2010) ser jagħlaq fil-5 ta' Jannar 2012 u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġedditx dan il-kuntratt għal sena oħra jew jekk għandhiex tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti. Fuq proposta tas-Sur Bonnici li giet issekondata mis-Sinjura Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li dan il-kuntratt ma jiġiex imġedded u tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kuntratt li l-Kunsill għandu għas-servizz ta' tindif u manutenzjoni ta' latrini pubbliċi (ZLC 3/2009) ser jagħlaq fil-25 ta' Jannar 2012 u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġedditx dan il-kuntratt għal sena oħra jew jekk għandhiex tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti. Fuq proposta tas-Sur Bonnici li giet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li dan il-kuntratt ma jiġiex imġedded u li għanda tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti.

Is-Sindku ppropona li tinħareġ sejħa għall-offerti għas-servizz ta' *Certified Public Accountant.* Is-Sinjura Calleja ssekondat il-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ din is-sejħa.

<u>Item 7 – Affarijiet Oħra</u>

Is-Sinjura Calleja talbet lill-Kunsill biex jipprovdi s-sala tal-Kunsill u jgħin fil-pubbliċita sabiex flimkien mal-korporazzjoni għax-Xogħol u Taħriġ isiru korsijiet għan-nisa li jixtiequ jidħlu lura fid-dinja tax-xogħol. Is-Sinjura Calleja talbet ukoll li jiġu organizzati *talks* dwar is-saħħa tal-familja. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Plumpton, il-Kunsill qabel unanimament li dawn il-korsijiet isiru fis-sala tal-Kunsill.

Is-Sinjura Calleja semmiet li s-Sotto Kumitat tal-Familja flimkien ma' *China Cultural Centre* xtaq jorganizza attivitajiet Kulturali. Is-Sinjura Calleja qalet li fl 1 ta' Frar ic-*China Cultural Centre* ma jistgħux jipparteċipaw f'Jum Ħaż-Żabbar peress li ser ikunu

qed jiċċelebraw is-sena ġdida tagħhom. Madankollu offrew li fix-xhur ta' wara tittella' attivita' bil-parteċipanti barranin artisti u zeffiena.

Is-Sur Bonnici qal li l-iskema ta' manutenzjoni fuq l-oqsma tal-Bini tal-Gvern kienet ġiet estiza għas-sena 2012. Is-Sur Bonnici nforma l-Kunsill li l-kuntrattur kien ser jibda x-xogħol ta' manutenzjoni fuq il-Binjiet tal-Awtorita` tad-Djar f'Ħaż-Żabbar minn għada l-Ħamis, 10 ta' Novembru, 2011.

Is-Sur Bonnici lmenta dwar iċ-ċint li ġie rranġat fi Triq tal-Labour minn *Transport Malta* u talab li l-Kunsill iressaq l-ilment formali dwar dan lill-*Transport Malta*.

Is-Sur Bonnici staqsa jekk il-Kunsill kienx irċieva xi komunikat mill-Kunsill ta' Villabate wara ż-żjara tas-Sur Diego Puleo f'Ħaż-Żabbar fil-ġranet tal-festa. Is-Segretarju Eekuttiv wieġeb fin-negattiv.

Is-Sur Bonnici semma l-ħtieġa li fil-kantunieri ta' uħud mill-bankini jintuza madum *non slip* biex jiġi evitat li dawn ikunu ta' periklu għall-pubbliku.

Is-Sur Bonnici qal li kien infurmat li l-pulizija ma setgħatx tkompli tiġbor vetturi mitluqa peress li m'għandhomx aktar post fejn ipoġġuhom.

Il-laqgħa spiċċat fid-9.30 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fit-392 laqgħa li saret nhar il-Erbgħa, 7 ta' Diċembru, 2011.

Domenic Agius
Sindku